**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCALCOUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

---

9 Leġiżlatura

AGENDA Numru 36

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali**

**Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 36 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa, 15 ta' Settembru 2021, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *online* skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl' 15 ta' Diċembru 2020.**

**Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.**

Mariella Strout — 9 ta' Settembru, 2021
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier

Online

- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anne Fenech — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCALCOUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

---

**Il-Laqgħa bdiet 5.30pm**

**36.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-Kunsillier Paul Bugeja nforma li se jkun imsiefer, għaldaqstant ġie skużat għal din il-laqgħa.

**36.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (35)**

Il-minuti ġew approvati kif tressqu.

**36.3 Punti mill-minuti**

PA04935/21 Triq is-Sardin, Burmarrad –

L-oġġezzjoni tal-kunsill iddaħħlet 2 ta'Settembru, 2021.

Rapport ta' Evalwazjoni – Tender Project Manager

Tender ġie awardjat u qiegħed fazi ta' 'objection period'

Korsijiet tal-Kompjuter –

Is-Segretaju Eżekuttiv Sinj.Mariella Strout infurmat li saret komunikazzjoni ma l-organizzaturi tal-kors fejn huwa mistenni li dan jibda f'Novembru 2021.

**36.4Komunikazzjoni mis-Sindku**

Re-SPI/SCI/2/2021 **Finanzjarjament għal żvilupp u titjib ta' Playing field**

Is-Sindku nforma, li għalkemm il-kunsill kien approva kemm ix-xogħolijiet kif ukoll l-istima tal-perit tal-proġett tal-playing field Joseph.P.Caruana, xorta jeħtieġ approvazzjoni mill-kunsill għall-applikazzjoni skema Finanzjarjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-playing field "Joseph.P.Caruana" li tinsab fi triq Triq Cassarino kantuniera Triq it-Turisti.

Għaldaqstant, is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill japprova l-applikazzjoni Skema SPI/SCI/2/2021 Finanzjarjament għal Żvilupp u Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Field "Joseph.P.Caruana" li tinsab fi triq Triq Cassarino kantuniera Triq it-Turisti. Issekonda l-mozzjoni il-Viċi Sindku Carlos Zarb.

Il-Kunsill approva nem.com.

**Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena 2021** - Inġibed għall-attenzjoni tal-kunsill l-attivita relatata mal-premju nazzjonali ħaddiem tas-sena 2021.

**Irħama fi Triq Jean de la Cassiere** – Il-Kunsill irċeva proposta biex l-irħama komemorattiva fi triq Jean De La Cassierre relatata ma l-installazzjoni ta' dwal tat-triq solari għanda tinqala minħabba l-fatt li dawn tneħħew snin ilu. Ma hemm l-ebda ħsieb li dawn jerġaw isiru. Il-Kunsill approva nem.com.

**Cirkulari 08/2020 fondi ta'aġġustament** – Il-kunsill ġie nfurmat li se jerġa jibbenifika €20,000 mill-fond għal żoni turistiċi.

**Servizz komunitarju** – Il-kunsill se jkollu persuna li se twettaq 196 siegha ta'servizz ta' litter picking fil-komunita ta' San Pawl il-Bahar b'ordni tal-qorti.

**Riżenja ta' żewġ skrivani** - Il-kunsill ġie nfurmat li rċieva r-riżenja ta' żewġ skrivani minħabba li t-tnejn li huma ġew aċċettati li jsegwu kors fl-ITS u MCAST rispettivament. Is-Sindku Alfred Grima għan-nom tal-kunsill irringrazzjahom tal-ħidma tagħhom u awguralhom għall-futur.

Il-kunsill qabel, li jinbeda l-proċess ma l-awtoritajiet konċernati għal ingaġġ ta' żewġ impjegati oħra, possibilment li jiġu mpjegati dawk il-persuni li fl-interview ġabu l-ghola marki wara lis-skrivani li rriżenjaw, jekk il-proċess tal-interviews għadu validu. Il-Kunsill approva nem.com.

**Telework -** Il-kunsill irċieva żewġ rikjesti għat-teleworking mingħand skrivani li jaħdmu mal-kunsill. Il-kunsill qabel li d-deċiżżjoni titħalla f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv.

---

**Reduce hours -** Il-kunsill irċieva rikjesti għall-estenzjoni ta' reduce hours mingħand skrivani li taħdem mal-kunsill. Il-kunsill qabel li d-deċiżżjoni titħalla f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv.

**Ħaddiem tal-kunsill skala 18** – Ħaddiem jinsab taħt arrest tal-pulizija, fejn il-kunsill talab id-direzzjoni ta' l-Awtoritajiet kompetenti x'għandu jsir f'ċirkostanzi simili.

**Jum l-Anzjan** – attivita bil-kolloborazzjoni tal-kunsill li se tinżamm 25 ta' Ottubru, 2021
Il-mozzjoni ġiet approvata nem.com.

**Cirkolari SPI/SCI/6/2021** – Finanzjarjament Milied 2021.
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill jissottometti applikazzjoni skond Cirkolari SPI/SCI/6/2021 għar rimburs ta' l-ispejjes marbuta ma programm ta' attivitajiet li se jittella madwar il-lokalita kollha bejn is-17 u 22 ta' Diċembru 2021.
Issekonda l-mozzjoni l-Kunsillier Alfred Bray.
Il-mozzjoni ġiet approvata nem.com.

**36.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma saru l-ebda mistoqsijiet.

**36.6 Rapporti u jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

**SPBT/02/2021** Tender for Pavement and Ancillary works
LBV Ltd kienet l-uniku kumpanija li tefgħet offerta fl-ammont ta' 149,719.55 Euro, Vat mhux inkluż. Il-kundizzjoni mposti fit-tender jidru li ġew irrispettati. Għaldaqstant il-Bord ta' l-aġġudikazzjoni ppropona li l-offerta tingħata lill-kumpanija LBV Ltd.
Issekonda l-mozzjoni l-Kunsillier Anthony Delia
Il-kunsill approva nem.com.

**36.7 Item Applikazzjonijiet ta' żvilupp ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar**

Is-Sindku ressaq mozzjoni biex il-kunsill jibda jdahhal rappreżentazzjoni għal kull applikazzjoni fuq art ODZ li ssir ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar. B'hekk ikun hemm żmien biżżejjed għall-kunsill biex jiddiskuti u jiddeċiedi jekk issirx oġġezzjoni jew le.
Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Chris Vella Petroni.
Il-mozzjoni ġiet approvata nem.com.

- PA/03173/21 - ODZ - *Tal-Markiz, Ras Il-Wied, Il-Wardija, San Pawl il-Bahar:*
  *To sanction rubble wall and gate. The proposal include also a reservoir and to extend footprint of existing farmhouse.* ***Representation 24 September 2021***

Is-Sindku ressaq mozzjoni biex il-kunsill joġġezzjona għall-applikazzjoni PA/03173/21 minħabba li l-iżvilupp propost se jsir fuq art ODZ u li l-applikazzjoni ma tirrispettax il-policy preżenti. Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Vici Sinku Carlos Zarb.

Ittieħed vot:
Favur : 9
Kontra : 1
Astenzjonijiet : 2
Il-mozzjoni għaddiet.

- PA/05283/21 - ODZ - *15A, Triq il-Madonna tal-Abbandunati, Wardija, SPB.*
  *Proposed demolition of existing structure and excavation of site, construction of 1 residential unit with pool.* ***Representation 21 September 2021***

Is-Sindku ressaq mozzjoni biex il-kunsill joġġezzjona għall-applikazzjoni PA/05283/21 minħabba li l-iżvilupp propost se jsir fuq art ODZ u li l-applikazzjoni ma tirrispettax il-policy preżenti. Il-mozzjoni ġiet is-sekondata mill-Kunsillier Mario Salerno.

Ittieħed vot:

Favur : 10

Kontra : 0

Astenzjonijiet : 2

Il-mozzjoni għaddiet.

Inġibdet l-attenzjoni li l-live streaming mhux jaħdem. Is-Segretarju Eżekuttiv Ms Mariella Strout, infurmat li fil-preżent għaddejjin xogħolijiet mill-MITA li se tieħu taħt idejha l-live streaming. Għalkemm suppost dan ma kellux jaffettwa.

- Re-PA/05725/21 - ODZ *Gebel Sarnu, San Pawl il-Bahar*
  *Construction of swimming pool, reservoir, balance tank and external w.c/shower, including low rubble walls/soft landscaping*. ***Representation 22 September 2021***

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill joġġezzjona għall-applikazzjoni PA/05725/21 minħabba li l-iżvilupp propost se jsir fuq art ODZ u li l-applikazzjoni ma tirrispettax il-policy preżenti. Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Chris Vella Petroni

Ittieħed vot:

Favur : 10

Kontra : 1

Astenzjonijiet : 1

Il-mozzjoni għaddiet

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCALCOUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

---

- PA5462/21 - *ODZ Sqaq ta' Campra, Burmarrad, San Pawl il-Bahar*
  *To sanction sub-division of field, restoration of retaining rubble wall, and proposed Snail Farm.* ***Representation 22 September 2021***

Fir-rapport tiegħu l-perit tal-kunsill Jeremy Mangion, jagħmel referenza għar-rappreżentazzjoni sottomessa mill-Perit Valentino f'isem klijent privat mressqa quddiem l-Awtorita ta' l-Ippjanar u jgħid li dak elenka minnu huma bażikament il-punti kollha li jikkonċernaw l-iżvilupp propost. Fost il-punti li jissemmew hemm li,

A) Fil-preżent ma hemm l-ebda policy speċifika li tippermetti li jsir tali żvilupp fuq art ODZ.
B) Dak propost jindika, li l-iżvilupp huwa aktar ta' bixra ndustrijali milli ta' xeħta aggrikola.
C) Mhux neċessarjament għanda tintuża art ODZ għat-tali żvilupp minħabba li dan isir f'ambjent magħluq.
D) Kwantita ta' bebbux huma meqjusa pest, għalhekk huma ta' perikolu għal art ODZ.
E) Ma ġiet sottometta l-ebda miżura ta' mitigazzjoni ta' emerġenza f'każ ta' ħarba tal-bebbux.
F) Il-proposta tmur kontra il-policy 121. *Country patways RPDG 2014*.

Tressqet mozzjoni mis-Sindku Alfred Grima li tgħid; illi, l-kunsill huwa favur il-kunċett ta' Snail Farms, biss, qed issir oġġezzjoni għall-applikazzjoni PA/05462/21 fuq il-bażi li se jsir bini ta' struttura permanenti fuq art ODZ kif ukoll li l-proġett ma jimxiex pari passu mal-policy attwali taż-żvilupp hekk kif ġie elenkat fir-rappreżentazzjoni li tressqet lill-Awtorita ta' l-Ippjanar numru 210907 D08 datata 09/09/2021. Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Chris Vella Petroni. Il-mozzjoni għaddiet nem.com.

- PA/05587/21- 30, Triq Stella Maris, San Pawl il-Bahar
  *Removal of and excavation beneath front terrace of ground floor maisonette and construction of a 22- room 8-storey Class 3B 3-Star Hotel with an overlying receded floor and an*

*underlying basement floor; with related amenities consisting in a studio suite, restaurant, gym and rooftop swimming-pool. Representation 22 September 2021*

Tqajjem l-punt, li l-ebda parkeġġ ma jikkumplimenta dan liż-iżvilupp u għaldastant se jimpatta negattivament lir-residenti. Issemma l-fatt li l-policy attwali tippermetti li dan iseħħ. Għaldaqstant il-kunsill ma sab l-ebda oppożizzjoni għal din l-applikazzjoni.

- PA/05952/21- Sunny Coast Lido & Garden, Luzzu Lido and Suncrest Lido, Triq il-Luzzu c/w, Triq il-Qawra, Qawra, San Pawl il-Bahar
  *Proposed redevelopment of the seaside lidos belonging to the Sunny Coast Hotel, Luzzu, and the Seashells Resort at Suncrest Hotel - retaining their primary use as ancillary functions to the hotels; integrating a parking facility at basement level; and redistributing street level commercial outlets to be integrated within a large scale network of pedestrianised urban spaces: including the creation of a widened promenade walk, the provision of piazzas and pedestrian routes, and the upgrading of the open space in front of the Sunny Coast Hotel. To include for the demolition of existing structures and the excavation of the site. The redeveloped site includes: an underground delivery area and a parking facility (Class 3B and 3C) at basement level; ancillary functions to the hotels at lido level which include indoor and outdoor pools and pool deck (Class 3C), food and beverage outlets (Class 4D), a conference centre (Class 3C), a spa and leisure centre (Class 3C) and related ancillary back of house facilities (Class 3B and 3C); and pedestrianised, accessible urban spaces in the form of piazzas, gardens and walkways integrated with a conference centre (Class 3C), commercial outlets (Class 4B and 4C), and food and beverage outlets (Class 4D) at street level.* ***Representation 1st October 2021***

Dwar l-applikazzjoni PA/05952/21 is-Sindku Alfred Grima nforma, li hekk kif ġie konxju mill-propost poġett li huwa stmat li se jleħħaq ammont konsiderevoli ta' miljuni ta' Euro, huwa għamel rikjesta ma liż-żviluppaturi biex possibilment jingħata nformazzjoni relatata.

---

Fejn flimkien mal-Kunsillier risponsabbli mill-qasam tan-negozju Alfred Bray, huwa attenda għall-preżentazzjoni tal-proġett. Għal preżentazzjoni kienu mistiedna jattendu s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjur.Mariella Strout, il-Viċi Sindku Carlos Zarb u l-Kunsillier Anthony Delia, li minn naħa tagħhom kellhom diġa impenji oħra. Il-proġett huwa mistenni li jsir fuq mhedda ta' madwar 6 snin, fuq 3 fażijiet. Bl-ewwel waħda tibda f'Novembru 2021, fejn se ssir estenzjoni u modernazzjoni tal-lukanda Suncrest. It-tieni fażi tikkonsisti fl-iżvilupp mill-ġdid tal-lidos mal-baħar Luzzu u Seashells Resort. Bl-aħħar fażi tkun it-twaqqiegħ u l-bini mill-ġdid tas-Sunny Coast.

L-iżviluppaturi qalu, l-ebda bini ma huwa propost li jsir il-barra mill-linja tal-bini eżistenti, għajr għall-mina taħt l-art li hi proposta li ssir biex tagħqqad it-350 vettura pakeġġ li se jinbena ġdid. Issemma, li partijiet mill-bankina eżistenti se titwessa u li l-livell tal-bini max-xatt mistenni jibqa l-istess, fejn hemm propost il-ħolqien ġdid ta' ammont konsiderevoli ta' spazji urbani miftuħa u rotot pedonali fuq art li fil-preżent hija privata.

Is-Sindku ppropona li liz-żviluppaturi jippreżentaw il-proġett lill-kunsilliera biex b'hekk il-kunsill ikun f'pożizzjoni ideali li jiddeċiedi ssirx oġġezzjoni u/jew xi riservi ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar. Issuġġerixxa, biex il-kunsilliera jaraw jagħmilx sens li jiġi ssuġġerit lill-Gvern ċuntrali li l-parkeġġ eżistenti fi triq il-Luzzu jiġi nkorporat taħt l-art mal-proġett inkwistjoni għas-spejjeż ta' l-iżviluppatur u bhekk mhux biss jizdied l-ammont tal-parkeġġ fl-inħawi imma ukoll li tinħoloq żona ġdida pedonali pubblika. Dan jimxi pari passu mal-pjani tal-gvern għal ktattir ta' żoni miftuħa.

Il-kunsill irrikonoxxa l-fatt l-impatt negattiv u l-inkonvenjenza li proġett ta'daqs simili joħloq fuq il-lokalita. Għalhekk, kien hemm qbil li ssir rikjesta għall-method statement ta' kif se jsiru x-xogħolijiet u li possibilment jintuża barkun biex il-blat li se jitqatta u materjal tal-bini li se jitwaqqa jiġi trasportat permezz tiegħu. Ġie maqbul ukoll li għal preżentazzjoni tal-

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCALCOUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

proġett il-kunsill ikun assistit mill-perit tal-kunsill. Il-Viċi Sindku Carlos Zarb ingħata l-inkarigu jorganiżża ġurnata biex jiġi ppreżentat il-proġett.

Bħala punt ta' informazzjoni s-Sindku nforma, li konsegwenza tax-xogħolijiet se jitwaqqfu 3 tower cranes madwar il-lukanda Suncrest, wieħed fuq art privata u tnejn fejn illum hemm unloading bays. Bħala miżura ta' sigurta ssuġġerixxa li żewġ parkeġġi jiġu spustjati fi triq faċċati minflok l-estenzjoni ta'bankina eżestenti fejn b'hekk se jiżdied parkeġġ ġdid.

- **PA03012/20** re-Maghtab hearing ERA Board Decision EA/00057/18
  Is-Sindku nforma li fis-17 ta' Settembru 2021 fil-11AM il-Bord ta' l-ERA mistenni jieħu deċiżżjoni dwar l-iżvilupp marbut mal-faċilita ta' l-iskart fil-Magħtab.

- ***PA002769/21*** *Xemxija change of use from Class 1 dwelling to Class 3B hotel. Kahlija Court, Telghet ix-Xemxija c/w, Dawret in-Nawfragju, Xemxija, San Pawl il-Bahar - Representation June 21*

Is-Sindku nforma li l-applikazzjoni **PA002769/21** baqgħet qatt ma ġiet għall-attenzjoni tiegħu u għaldaqstant għalaq iż-żmien biex tiddaħħal rappreżentazzjoni mill-kunsill.

- **PA005312/20** Triq is-Sardin & Triq Burmarrad
  *Greenhouses and a solar farm proposed on ODZ. Proposed an addition to existing green houses to repurpose site into a 2.2 megawatt photovoltaic plan which shall comprise of 4,416, 500 Watt photovoltaic modules with a total PV system of 2208 kW necessitates a new chargeable substation." 27,104 Square meters Representation 21 July 2020*

Is-Sindku nforma li l-istess bħal każ preċidenti, l-applikazzjoni PA05312/20 baqgħet qatt ma ġiet għall-attenzjoni tiegħu u li ż-żmien li tiddaħħal rappreżentazzjoni għalaq. Il-kunsill

esiġa li sitwazzjonijiet simili għandhom jiġu evitati. Tqajjem il-punt, li l-proposta ta' bini ta' green houses jaf intużat bi skop ulterjuri minħabba li liż-żvilupp propost li jsir fuq art ODZ.

Is-Sindku ressaq mozzjoni biex il-kunsill joġġezzjona għall-applikazzjoni PA05312/20 fuq il-bażi li l-użu ta'panelli solari jikkrejaw dellijiet sostanzjali li jħallu mpatt negattiv dirett fuq il-produzzjoni tas-sħana u d-dawl li tant huma meħtieġa fi greenhouses, fejn jidher, li l-bini ta' green houses qed jintuża minħabba li dak propost se jsir fuq art ODZ. Il-Kunsillier Graziella Galea is-sekondat il-mozzjoni.
Il-mozzjoni ġiet approvata nem.com.

- ***PA04752/21*** *Xemxija Bay yacht marina proposal - Site at Sea, Xemxija Bay, off, Telghet ix-Xemxija, Xemxija, San Pawl il-Bahar. Existing mooring sinkers and ropes to be removed, laying of new sinker / mooring arrangement for mooring pontoons to take installation of water and electricity modules as well as firefighting systems to service customers within the approved concession area granted by Transport Malta to Harbour Management Ltd.*

Is-Sindku qara mill-ġdid l-ittra li ntbagħtet mill-kunsill lill-Transport Malta datata 12 ta'Marzu 2021, fejn Transport Malta wieġbet li mhu sejjer isir l-ebda proġett ta' Marina ġdida fil-bajja tax-Xemxija. Iżda, l-Awtorita sejra tindirizza l-istat abbużiv preżenti u sejra torganiżża u tiregolati n-numru ta' mażżri llegali. Issemma l-fatt li Malta Tourism Authority (MTA) għamlet studju biex il-bajja naturali eżistenti titkabbar, fejn huwa magħruf li dan twaqqaf ħesrem. Intqal ukoll li fiż-żona ndikata li ssir il-marina, diġa hemm kumpanija oħra privata li ntqal li għanda liċenzja biex topera irmiġġi ta' dagħjjes. Tant, li l-istess kumpanija fetħet każ il-qorti. Il-kunsill jinnota, li fuq il-web site ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar ma tidher l-ebda data ta' l-għeluq ta' żmien sakemm tista tiddaħħal rappreżentazzjoni.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni li tgħid; illi l-kunsill għandu joġġezzjona li

ssir marina fiż-żona ndikata fl-applikazzjoni PA04752/21 minħabba li din taffetwa b'mod negattiv iż-żoni ta' l-għawm. Il-kunsill irid jirreġistra l-fatt li hu mhux kontra li ssir marina fil-lokalita ta'San Pawl il-Baħar. Tant, li l-kunsill huwa disponibbli li jiltaqa ma l-awtoritajiet konċernat biex tinstab żona li ma timpattax negattivament fuq żoni eżistenti ta' l-għawm. Il-Kunsillier Mario Salerno is-sekonda l-mozzjoni.
Il-mozzjoni ġiet approvata nem.com.

**36.8 Item Uffiċju Amministrattiv.**

Is-Sindku Alfred Grima nforma li fl-1 ta' Settembru, 2021, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinj.Mariella Strout u l-Avukat tal-kunsill Dr. David Bonello, żammu laqgħa mas-Sur Robert Vella, CEO ta' l-Awtorita ta' l-Artijiet bis-suġġett ewlieni jkun "bini ta' Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. F'din il-laqgħa ġew diskussi s-sit li jinsab fi triq Parades, kantuniera ma triq San Pawl u Triq il-Markiża Bugeja, magħrufa bħala "*option one"* kif ukoll ir-rikjesta ta' devoluzzjoni bin-numru ta' LC1/2021/0071 li tressqet mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar nhar id-19 ta' Mejju, 2021. Din l-art tinsab bejn Triq San Ġorġ u Triq Emanuel Pinto, magħrufa bħala "*option two"*.

Ic-CEO ta'l-Awtorita ta' l-Artijiet beda billi nforma li hemm ħtieġa li l-kunsill jiħu deċiżjoni dwar liema proġett se jmexxi l-quddiem. Jekk huwiex proġett *option one* nkella dak t'*option two*. Dan minħabba li mhux possibbli li żewġ proġetti jimxu l-quddiem flimkien. Rigward *option one* qal, li l-proġett propost tal-kunsill flimkien mal-privat (PPP) jidher ferm interessanti u l-awtorita tħares lejħ b'lenti pożittiva. Dan għall-fatt li jinħoloq spazju miftuħ ġdid (pjazza) li llum ma jeżistix kif ukoll minħabba żieda sostanzjali ta' parkeġġi ġodda. Fuq nota negattiva nforma, li l-parlament addotta liġi fejn ma jagħmilhiex daqstant possibbli li jsir tpartit ta' art bejn il-gvern u l-privat kif jiddetta dan il-każ. Intopp ieħor huwa li l-Awtorita ta' l-Artijiet tesiġi li binja governattiva ma tkunx tifforma parti

minn binja akbar tal-privat. Semma, li f'dan il-każ hemm diversi stadji biex il-proġett ikun jista jitmexxa l-quddiem, fosthom ħtieġa ta'approvazzjoni ta' riżoluzzjoni parlamentari. Issemma l-fatt ukoll li l-art tal-gvern hi mmarkata bhala parkeġġ.

Dwar *option two*, is-Sindku Alfred Grima nforma, li fl-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' l-art fi Triq San Ġorġ huwa saħaq, dwar il-ħtieġa li din ma tkunx anqas minn 500 $metru^2$ biex fuqa jinbena l-uffiċċju amministrattivtal-kunsill, parkeġġ pubbliku, sala għall-komunita, ċentru għall-anzjani, librerija, store u possibilment work shop.

Minn naħa tiegħu, is-Sur Robert Vella ippreżenta site plan immarkata li turi l-art li l-Awtorita ta' l-Artijiet qeda tikkunsidra li tissuġġerixxi lill-gvern jagħddi lill-kunsill b'devoluzzjoni biex fuqa jinbena l-uffiċċju amministrattiv, bil-qis ta' l-art tkun circa ta' 750 $metru^2$. L-art indikata mill-kunsill qeda bi qbiela u titħallas sena b'sena fejn jidher li din ma tinħadimx. Intqal, li l-art inkwistjoni hija fiż-żona għall-bini. Is-Sur Robert Vella ġie nfurmat li minn din il-leġislatura l-kunsill beda jwarrab 100,000 euro fis-sena biex jagħmlu tajjeb għal din il-binja kif ukoll se ssir applikazzjoni għall-fondi DPF mill-Awtorita ta' l-Ippjanar.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni li tgħid, illi, wara l-laqgħa li nżammet fl-1 ta' Settembru, 2021 bejn l-Awtorita ta' l-Artijiet u l-kunsill, ġie stabbilit, li hemm anqas intoppi biex tiġi devoluta l-art li tinsab fi Triq San Ġorġ, San Pawl il-Baħar magħrufa bħala *option two* milli l-kunsill jasal mal-privat fuq option one. Għaldaqstant ippropona, li l-kunsill imexxi l-quddiem bl-applikazzjoni tiegħu għad-devoluzzjoni ta' l-art li tinsab fi Triq San Ġorġ, magħruf bħala *option two*. Il-Kunsillier Stephen Cremona issekonda l-mozzjoni. Il-mozzjoni ġiet approvata nem.com

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb skuża ruħu u rtira mill-laqgħa.

---

**36.9 Item: Sejha kiri dwal tal-Milied Triq Raddet u Wesgha Mary Zarb**

Il-kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa għall-kiri dwal tal-Milied Triq Raddet ir-Roti u Wesgha Mary Zarb.

**36.10 Item: Sejha kiri/xiri ta' skips**

Il-kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa għall-kiri/xiri ta' skips.

**36.11 Item: Xiri ta' materjal ta' hoarding**

Il-kunsill approva l-ħruġ ta' xiri ta'hoarding.

Il-Kunsillier Alfred Bray skuża ruħu u rtira mill-laqgħa

**36.12Item : Attivitajiet**

**Ħatra ta' Bord ta' l-Attivitajiet**

Is-Sindku Alfred Grima ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill lista tal-membri Bord ta' l-Attivitajiet.

Chairperson Alfred Grima,

Membri Joseph Vella, Noel Mercieca, David Bonello, Kurt Galea, Matteo Vella,

Il-kunsill approva.

**Attivita Milied** –

Intqal, li l-fatt li fis-sena 2021 ma saret l-ebda attivita minħabba l-pandemija ġie propost li l-kunsill jagħmel 10,000 euro baġit disponibbli għall-Bord ta' l-Attivitajiet sabiex l-attivita suċċess tal-Milied bil-Christmas Father u l-banda terġa ssir bħas-snin imgħoddija u possibilment tissaħħaħ li tgħin jgħola l-moral tar-residenti.

Il-kunsill approva.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCALCOUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

---

**President Fun Run** :

Il-ġsieb huwa li ssir mixja u/jew ġirja mill-Aquaruim sa fejn it-torri Wignacourt fl-14 ta' Novembru, 2021. Massimu 100 parteċipant.

Il-kunsill approva.

**European week of sports** – bil-koloborazzjoni ta' Sports Malta

Attivita tinżamm fid-9 ta' Ottubbru, 2021 fit-8.30am fi Ġnien Millenjum bil-Yoga segwieta b'mixja mill-Ġnien il-Millenjum sa l-Aquaruim 9 Ottubbru, 2021.

**Queen Baton** 13 Ottubru, 2021

Attivita qrib it-Torri Wignacout ħin 12.30 pm. Se ssir ġirja mit-torri sa Ġnien Olimpiku.

**Attivita Water Park** –

Il-kunsill ġie nfurmat li l-attivita li kellha tinżamm fil-11 ta' Settembru, 2021 tħassret minħabba l-maltemp u huwa ppjanat li tinżamm is-Sibt 18 ta' Settembru 2021.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Kunsillier Chris Vella Petroni, li lilu ħadd ma nfurmaħ u wisq anqas ikkonsultaħ dwar li titħassar l-attivita. Qal, li jistenna li anke l-kunsilliera kellhom ikunu nfurmati.

Il-kunsill approva l-attivitajiet kollha nkluż ix-xiri ta' fliexken ta' l-ilma u frott għall parteċipanti

Inġibdet l-attenzjoni li Item Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi ma kienx fuq l-Agenda. Kien hemm qbil li dan kien zball Aministrattiv għalhekk kien ser jiġi diskuss.

**35.13 Item: <u>Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi.</u>**

- Mica Med invoice 5920 – Triq il-Kaħli = 12,773.10 Vat mhux inkluż.

Mica Med invoice 5944 – Triq il-Klamari = 12,202.00 Vat mhux inkluż.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex ma l-iskeda ta' pagamenti jiddaħħlu żewġ invoices tal-Mica Med 5920 u 5944 relatati ma insrtallazzjoni ta' dwal ġodda fi triq il-Kaħli u Triq il-Klamari. Il-Kunsiller Anthony Delia ssekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva l-ħlassijiet nem.com.

- Fuq mozzjoni mressqa mis-Sindku ssekondata mill-Kunsiller Anthony Delia il-kunsill approva;

1. Xiri ta' 4 bukketti fjuri u tqassim ta' kotba lill-4 kontestanti ta' Miss Malta li se jirrappreżentaw lill-lokalita.L-okkażżjoni se tinżamm il-25 ta' Settembru, 2021.

2. Il-ħruġ ta' sejħa mill-ġdid għal kiri ta' vettura kummerċjali żgħira għal sena biex taqdi l-ħtiġijiet tat-taqsima tal-manutenzjoni.

3. L-approvazzjoni ta' lis-skeda ta' pagamenti hekk kif tressqet. .

**35.14 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit 8.30pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 21 ta' Ottubru, 2021 fil-5.30pm

IFFIRMATA

| | |
|---|---|
| ____________________ | ________________________ |
| Alfred Grima | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |